**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Justin Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 855/15**

**Illum, 21 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Justin Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 486195M akkuzat talli fit-18 t'Ottubru 2015 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Arlen Dimech (Art. 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Arlen Dimech jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b'obbligazzjoni taghha innifisa taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat feriti gravi fuq Arlen Dimech li gew ikkagunati fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) gewwa San Giljan.

Illi xehdet it-tabiba Dr. Lorna Attard fejn qalet li c-certifikat esebit a folio 13 tal-process (Dok. TM5) hargitu hija stess fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) fl-4:15am mill-Floriana Health Centre. Qalet li kienet ezaminat lil Arlen Dimech fejn sabet li kellu griehi fuq l-*eyebrow* fejn ghamlet tliet punti b'kollox. Hija qalet li minn dakinhar 'l hawn ma regghetx rat lil Arlen Dimech. Dakinhar meta xehdet it-tabiba u cioe` fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar elfejn u sittax (2016) hija qalet li l-griehi ghadhom jidhru. Skont l-imsemmi certifikat dawn il-griehi gew kostatati bhala gravi.

Xehed ukoll Heddie Carlos Zaouli li qal li huwa kien Paceville ma' Arlen Dimech gewwa l-*club* Havana meta f'hin minnhom inqalghet glieda bejn xi tfajliet u Arlen spicca jferraqhom. Wara

ftit ix-xhud jghid li kien qieghed mal-*bar* jiehu *drink* u Arlen kien hdejh u f'daqqa wahda ra lil Arlen "mahsud". Kellu qata' fuqu ghax qala' daqqa ta' ponn minghand xi hadd. Ix-xhud jghid li l-persuna li tat daqqa ta' ponn lil Arlen lehqet harbet - *"harab ghax rajtu jigifieri jitlaq l-hemm sparixxa."* Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li sparixxa. Ix-xhud kompla jghid li Arlen Dimech imbaghad qabad flixkun tal-Coka u garah u laqat lill-habib ta' Justin Agius. Wara gew is-*security* u hargu lil Arlen barra mill-*club*. Kompla jghid li huwa hareg ukoll u barra l-imputat rega' ta daqqa ta' ponn lil Arlen barra Havana fejn kien hemm il-pulizija u l-*bouncers*. Ix-xhud qal li d-daqqa tahielu m'ghajnejh u ghamillu farrett. Ix-xhud imbaghad jghid li l-mossa ezatt ma jafx x'kienet jekk kinitx daqqa ta' ponn jew le.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija tal-imputat (Dok. TM7) li ttiehdet wara d-debita twissija fejn l-istess l-imputat kien irrifjuta d-dritt tal-parir tal-avukat (folio 14 tal-atti processwali).

Xehed il-parte civile Arlen Dimech li spjega li garrab griehi fuq l-*eyebrow* tal-ghajn tal-lemin. Il-parte civile gharaf lill-imputat bhala l-persuna li tah daqqa ta' ponn. L-imputat esebixxa r-

relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri (Dok. AD1 a folio 28) fejn l-istess Dr. Scerri kkonstata li Arlen Dimech ghandu cikkatrici twila 1.3 centimetri fuq is-*supraorbital ridge* tal-lemin. Skont l-istess relazzjoni din ic-cikkatrici tidher *from within talking distance*. Dr. Mario Scerri ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament fejn qal li kien ezamina lil Arlen Dimech fis-26 ta' April 2016. Dr. Scerri bil-gurament qal li c-cikkatrici tidher pero` *"mhix konspikuwa, jigifieri tista' tiskappalek".*

Arlen Dimech ipprezenta wkoll digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (a folio 44) permezz ta' liema digriet l-avukat difensur tal-imputat ivverbalizza li huwa propju Justin Agius li huwa responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza fl-ismijiet Arlen Dimech vs Justin Agius.

Xehdu wkoll l-Ispettur Jonathan Ransley u l-Ispettur Trevor Micallef li qalu li raw lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn barra l-club Havana.

Rat illi fil-hamsa (5) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018) l-imputat ipprezenta nota permezz ta' liema informa lill-Qorti li

lahaq ftehim mal-parte civile Arlen Dimech skont l-iskrittura esebita bhala Dok. JA1 (folio 50) u kif ukoll permezz ta' liema nota l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat illi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) l-imputat, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, ikkonferma l-ammissjoni tieghu u ammetta l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. Fl-istess seduta l-imputat esebixxa nota b'zewg ritratti tal-parte civile Arlen Dimech. Il-Qorti tinnota minn dawn ir-ritratti li c-cikkatrici inkwistjoni m'ghadhiex aktar vizibbli *from within talking distance*.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, zgur illi ma kinitx wahda bikrija, madankollu huwa ghandu fedina penali netta u llum il-gurnata c-cikkatrici li garrab Arlen Dimech m'ghandhiex aktar vizibbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 216, u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Justin Agius hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat Justin Agius ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**